# *KNISJA APPOSTOLIKA*

**Omelija ta' Mons Isqof Mario Grech waqt pontifikal ta' Missierna San Pawl fil-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt Valletta – It-Tnejn 18 ta' Ottubru 2010**

## Il-Knisja "dawl tal-ġnus"

Ir-rakkont tan-nawfraġju ta' Missierna Pawlu fuq ix-xtut tagħna, li jagħtina Luqa fl-Atti tal-Appostli, f'ċertu sens huwa r-rakkont tal-ġrajja tal-lum! Għaliex fostna għaddejja tempesta. Il-ħalel kbar tal-baħar kulma jmur qegħdin jipperikolaw il-ħajja ta' ħafna individwi, tal-familji tagħna, tal-komunitajiet Insara, u anki l-ħajja tas-soċjetà tagħna.

Imma r-rakkont tan-nawfraġju fih nota pożittiva, li mhux biss għamlet kuraġġ lil dawk li kienu ma' Pawlu fuq il-ġifen, imma tagħmel kuraġġ lilna lkoll illum. Għax lin-nies ta' madwaru, mhedda b'diversi modi minn dik it-tempesta, Pawlu jiżgurahom li ħadd minnhom ma kien ser jintilef. Pawlu jagħtihom kelma assiguranti, għax Alla kien magħhom biex jirbħu l-elementi tan-natura.

U f'din iċ-ċirkostanza nixtieq naqsam magħkom aħbar tajba, għaliex anki aħna għandna x'jagħmlilna kuraġġ, x'jimlina bit-tama quddiem in-nawfraġji li qegħdin nassistu għalihom. Fostna għandna l-preżenza ta' Pawlu: preżenza pperpetwata permezz tal-Knisja Appostolika.

Dalwaqt niċċelebraw il-ħamsin sena minn meta beda l-Konċilju Vatikan II. Dan il- Konċilju jagħtina kostituzzjoni dommatika sabiħa dwar il-Knisja u jirrikonoxxi l-Knisja ta' Kristu bħala "Lumen gentium" – dawl tal-ġnus. Il-Knisja hija msejħa biex taqbad l-istess triq ta' Kristu ħalli twassal lill-bnedmin il-frott tal-fidwa (nru 8). Bil-mandat li taha Kristu, il-Knisja xxandar il-Bxara t-Tajba u tfejjaq lill-bniedem minn kull xorta ta' mard, mhux biss dak fiżiku imma wkoll dak spiritwali u morali. Ma naqtgħux qalbna, għaliex fostna hija preżenti l-Knisja ta' Kristu, dik il-Knisja illi taf it-tnissil tagħha fil-gżejjer tagħna permezz ta' Missierna San Pawl.

## Eżami tal-kuxjenza

Fl-istorja sabiħa ta' ġensna hemm diversi episodji illi jikkonfermaw li matul dawn l-elf disa' mija u ħamsin sena l-Knisja kienet dawl għall-poplu tagħna u strument biex il-bnedmin jiksbu l-ħelsien veru. Allura llum nistaqsi: X'inhi r-raġuni li f'pajjiżna l-Knisja qed tiġi tant miġġielda? Għaliex fostna għandna tant qilla kontra l-Knisja? Għaliex illum il-Knisja mhix preżenza li ddawwal, tfejjaq, twassal il-Bxara t-Tajba u l-verità fuq ħafna aspetti tal-ħajja tagħna? Jistax ikun illi bħala Knisja bdejna nitilfu mill-identità u l-awtentiċità tagħna?

Xieraq nagħmlu eżami tal-kuxjenza u naraw jekk aħniex tassew il-Knisja ta' Kristu. Għax nistgħu nkunu "knisja", imma ma nkunx il-Knisja ta' Kristu! Jeżistu ħafna Knejjes imxerrdin 'l hawn u 'l hemm mal-erbat irjieħ tad-dinja li mhumiex il-Knisja ta' Kristu. Din il-Knisja ta' Kristu teżisti fil-Knisja Kattolika. Inħoss illi huwa doveruż u urġenti illi aħna nagħmlu dawn il-mistoqsijiet, mhux fuq ħaddieħor, imma fuqna nfusna. Għax din il-Knisja suppost hija mżejna b'erba' kwalitajiet li kull nhar ta' Ħadd nistqarruhom fil-Kredu tagħna: aħna nistqarru li nemmnu fil-Knisja waħda, qaddisa, Kattolika u Appostolika. Forsi tant drajna ngħidu l-Kredu bl-amment li ma nirrealizzawx b'liema impenn qegħdin nagħmlu din l-istqarrija tal-fidi. Għaliex jekk il-Knisja titlef l-Appostoliċità tagħha allura ma tibqax il-Knisja ta' Kristu u ta' Pawlu. Jekk nitilfu din id-dimensjoni Appostolika tal-Knisja, kulma jibqgħalna minn Pawlu tkun biss figura storika u mhux ir-ruħ li tanima l-poplu ta' Alla f'pajjiżna.

## Alla l-għajn tal-verità

Xi jfisser li tkun Knisja Appostolika? L-ewwel u qabel kollox ifisser illi bħala Knisja lokali aħna konna mwaqqfa minn Appostlu. Jien nifraħ meta nara din id-devozzjoni lejn Missierna l-Appostlu Pawlu, għaliex hija konferma li aħna ngħożżu dan id-don Appostoliku. Anki kieku kien xi ħadd ieħor li waqqaf il-komunità Nisranija, xorta kien ikollna din id-dimensjoni Appostolika, peress li nkunu nagħmlu parti mill-Knisja Kattolika; imma aħna nistgħu niftaħru quddiem il-ġnus illi aħna għandna dik li tissejjaħ "l-Appostoliċità tal-oriġini". Ftit huma dawk il-Knejjes imxerrdin mad-dinja illi jistgħu jiftaħru illi huma mwaqqfa minn dak li qal: "Jiena ġejt imsejjaħ biex inkun Appostlu tal-ġnus". Dan jimplika li aħna għandna responsabbiltà akbar minn ta' ħaddieħor, illi nikkuraw u napprezzaw din id-dimensjoni tal-Knisja Appostolika.

L-Appostoliċità tal-Knisja tfisser li permezz tal-Appostlu Pawlu għandna garanzija li qegħdin naduraw lil Alla l-veru f'Ġesù Kristu, li fil-milja taż-żmien twieled minn mara, kif jgħid San Pawl lill-Galatin. Hija waħda mit-theddidiet li għandna fi żminijietna, dik li l-Papa riċentement sejħilha "soċjetà b'ħafna divinitajiet". Erġajna ġejna qisna f'dak iż-żmien tal-arjopagu ta' Ateni, fejn Pawlu jidħol u jsib ħafna niċeċ, għaliex is-soċjetà ta' Ateni kienet tqim diversi allat. L-istramberija hi li aħna formalment għandna isem ta' poplu Kristjan, imma fl-istess ħin waqajna f'din in-nassa illi aċċettajna u ħloqna diversi allat. Għamilna lill-bniedem alla, tant li lill-bniedem qegħdin nattribwulu dak li hu propju ta' Alla. Suppost f'Alla biss naraw l-għajn ewlenija ta' x'inhi l-verità, x'inhu t-tajjeb u x'inhu l-ħażin. Imma llum, billi l-bniedem iħossu daqs Alla, jemmen li jista' joħloq u jistabbilixxi x'inhu t-tajjeb u x'inhu l-ħażin, x'inhu l-veru u x'inhu l-falz. L-ekonomija u x-xjenza għamilniehom "allat" ta' żminijietna. Hawn min huwa ssagrifikat biex ikattar il-ġid anki b'mezzi illeċiti; hawn min jaħseb li dak kollu li x-xjenza tippermetti li jsir huwa moralment

leċitu. Hemm ħafna affarijiet oħra illi llum tajniehom il-pedestall ta' Alla!

**Iċ-ċentralità ta' Kristu**

Xi wħud għandhom immaġni ta' Kristu tant deformata u ridotta li qed jirriskjaw li jivvintaw alla ieħor bl-isem ta' Kristu li huwa differenti minn Ġesù ta' Nazaret! Huwa fatt li xi drabi aħna nagħmlu ċelebrazzjonijiet f'ġieħ Kristu, imma fl-istess waqt sajmin qatigħ minn dak li jgħid Kristu! L-Appostlu huwa dak li jiggarantilna min hu Alla l-veru. Nieħdu f'idejna l-ittri ta' San Pawl u naraw b'liema passjoni huwa jitkellem dwar Alla u dwar Kristu, b'liema ħeġġa jrid ilaqqa' lill-bniedem ma' dan Alla u ma' Kristu! Dan hu aspett tal-Knisja Appostolika: illi tagħraf u tadura lil Alla l-veru.

L-għan prinċipali tan-Nota Pastorali li l-Arċisqof u jien ħriġna dan l-aħħar huwa biex inħeġġu lill-poplu Nisrani f'pajjiżna jerġa' jrodd iċ-ċentru lil Kristu; għamilna sejħa biex "inqiegħdu lil kull Nisrani quddiem Kristu". Forsi xi wħud ma jimmaġinawx għaliex illum il-ġurnata aħna, bħala rgħajja spiritwali, ħassejna l-urġenza li nagħmlu stedina ċara biex nersqu u rressqu lill-oħrajn fil-preżenza ta' Kristu! L-għarfien tagħna ta' Kristu llum tant huwa mgħawweġ u dgħajjef illi nibża' li l-Knisja tagħna tgħajjat bi Kristu imma mhix tgħix fil-preżenza ta' Kristu! Din il-qagħda hija serja ħafna. Dan jidher b'mod partikulari mill-ġeġwiġija li hawn dwar il-ħajja taż-żwieġ u tal-familja. Nifhem li dawk li ma jemmnux f'Alla u fi Kristu huma mħawdin; imma possibbli aħna d-dixxipli ta' Kristu wkoll imħawda? Il-fatt li aħna mifxulin jista' jfisser illi m'aħniex fil-preżenza ta' Alla, li ttraskurajna lil Kristu. Għalhekk għandna għax nitħassbu kemm l-Appostoliċità għadha kwalità tal-Knisja tagħna!

**Fedeltà lejn il-Vanġelu**

L-Appostlu huwa garanzija li jwasslilna l-Vanġelu b'mod awtentiku u mingħajr qtugħ, tidwir u tgħawwiġ. Kristu lill-Appostli jibgħathom ixandru l-Bxara t-Tajba. Anki Missierna Pawlu jħossu mibgħut biex ixandar il-Vanġelu. Illum hemm ir-riskju illi biex inkunu *politically correct* u ma nurtawx, naraw kif inbenġlu l-Vanġelu u ma nħalluhx ikun, fi kliem San Pawl, xafra taqta' minn żewġ naħat. Nieħdu l-eżempju tad-diskors li qed isir fuq iż-żwieġ. Kliemna jrid ikun ċar, għax jekk tonqos iċ-ċarezza nistgħu nagħmlu delitt kbir: nistgħu noqtlu l-kuxjenzi.

Fin-Nota Pastorali ngħidu li l-kuxjenza trid tkun imdawla mill-Kelma ta' Kristu u xejn aktar: li l-kliem ta' Ġesù jsir id-dawl tal-kuxjenza li fuqha jrid jimxi n-Nisrani, issir responsabbiltà morali li jwettaqha. Fin-Nota Pastorali nfakkru wkoll fil-Bxara t-Tajba ta' Kristu dwar iż-żwieġ: "Dak li jgħaqqad Alla m'għandux jifirdu l-bniedem". Kristu ma qagħadx jibża' li mhux se jintgħoġob, li se jitlef in-nies, li se jidher ikrah; imma tenna dak li Alla ried sa mill-bidu tal-ħolqien: "Ma qrajtux li sa mill-bidu l-Ħallieq għamilhom raġel u mara?... U t-tnejn isiru ġisem wieħed". Possibbli fuq dan hemm għaliex jinkiteb pataflun ta' karti u naħlu sigħat ta' ħin fuq il-mezzi tax-xandir?

Kieku kellna niġbdu l-attenzjoni lil Kristu biex ngħidulu li f'Malta u Għawdex biss għadna moħħna marbut u nemmnu fl-indossulibbiltà taż-żwieġ, u li d-dinja progredita, speċjalment il-Punent, għamlet passi kbar 'il quddiem tant li ħadet miżuri oħra fir-rigward taż-żwieġ, Kristu xorta ma jbiddilx il-kelma tiegħu, ma jgħawwiġx il-verità!

Issa l-Appostlu huwa dak illi jtennilna dak li qal Kristu. Hu ma jgħid xejn minn żniedu. Jekk fostna hawn min jgħid affarijiet minn żniedu, qed nipperikolaw l-Appostoliċità tagħna. Inħarsu lejn kif Pawlu jitkellem dwar iż-żwieġ u l-familja. Hu jtenni dak li qal Kristu (1 Kor 7). Tgħid Pawlu ma kienx bravu bħalma huma bravi n-nies illum, u għalhekk kapaċi jadatta l-messaġġ Kristjan f'soċjetà fejn kien hemm il-poligamija u fejn il-liġi Rumana kienet tagħti l-permess li wieħed jgħaddi minn żwieġ għall-ieħor? Imma Pawlu jgħid li r-raġel għandu jkollu martu u l-mara jkollha żewġha (1 Kor 7:1).

Pawlu għandu kliem iebes meta jitkellem dwar iż-żina (1 Kor 5). Illum meta nitkellmu dwar it-tkissir taż-żwiġijiet nużaw ħafna kliem sabiħ u ma npoġġux subgħajna fuq il-kawża vera tat-tifrik! M'iniex ngħid li ż-żina biss huwa l-kawża; imma żgur li huwa waħda mill-kawżi prinċipali. Pawlu jitkellem ukoll dwar il-ġmiel tal-ħajja miżżewġa, anzi b'mod profetiku l-Appostlu jxebbah l-għaqda ta' Kristu u l-Knisja mal-ġmiel tar-rabta li hemm bejn raġel u l-mara (Efes 5). Dalwaqt niġu f'sitwazzjoni fejn ikollna bżonn infittxu tixbiha oħra flok iż-żwieġ, għax dak li jgħid Pawlu ma jibqax jiftiehem. Kif nista' nfiehem lil xi ħadd illi Kristu jħobb lill-Knisja bħalma raġel iħobb lil martu, u li Kristu jagħti ħajtu għall-Knisja bħalma raġel jagħti ħajtu għal martu, jekk għad naslu fi żmien meta nibdlu n-natura taż-żwieġ b'ċerti proposti illi jriduna nagħmlu?

San Tumas ta' Aquino, li kien teologu leali lejn Kristu u l-Knisja, flok il-kelma "Appostoliċità" juża l-kelma "firmitas", stabbiltà, fermezza u ċertezza fid-duttrina. Għalhekk min irid iħares din id-dimensjoni Appostolika tal-Knisja, jrid ikollu l-Vanġelu u jħarsu b'mod sod u qawwi. Dan hu l-kontribut li aħna rridu nagħtu lis-soċjetà li għaddejja mill-maltemp li semmejt aktar 'il fuq.

**Għaqda mal-Knisja**

L-Appostlu huwa garanzija tal-għaqda fil-Knisja. Hemm ir-riskju illi, kif ġralha fl-imgħoddi, anki llum il-Knisja tinqasam u l-għadd tal-Insara mifruda joktor. Imma l-Appostlu hu dak li jiggarantixxi l-għaqda, għax kif jgħid missier it-Teoloġija Kattolika, Sant'Irinew minn Lyon, l-għaqda fil-Knisja titħares għaliex hemm duttrina waħda, għax l-Insara jħaddnu verità waħda. Din l-għaqda l-Appostlu jiggarantiha għaliex hu mhux waħdu, imma jagħmel parti minn dak li jissejjaħ il-Kulleġġ tal-Appostli. L-Appostlu huwa marbut mal-Appostli l-oħra.

Kienet ir-rieda ta' Kristu illi fost l-Appostli huwa għażel lil Pietru biex ikun il-kap. L-Appostlu Missierna Pawlu jistqarr li wara li għamel l-esperjenza tad-deżert huwa mar Ġerusalemm biex iżur lil Kefa (Gal 1:18), biex Pietru jikkonfermah fl-Appostoliċità tiegħu, jikkonfermah fil-mandat li tah Kristu! Darb'oħra, meta nħass il-bżonn li l-Appostli jiltaqgħu flimkien ħalli jiċċaraw xi punti, minn Antjokja Pawlu telaq lejn Ġerusalemm, fejn kien iċċelebrat l-ewwel Konċilju tal-Knisja ppresedut minn Pietru!

Għalhekk, jekk irridu nħarsu l-Appostoliċità tagħna, ma nistgħux ninsew din ir-rabta u s-sottomissjoni tagħna lejn Pietru tal-lum, fil-persuna tal-Papa. Bil-ministeru Petrin tiegħu l-Papa lilna jikkonfermalna jekk l-interpretazzjoni li qegħdin nagħtu tal-Vanġelu hix korretta jew le; jiżgurana mill-kontinwità mat-Tradizzjoni tal-Knisja.

Is-suċċessuri tal-Appostli llum huma l-isqfijiet ta' kull djoċesi. Billi jiena isqof, dan ngħidu bil-biża' u t-tregħid għax nagħraf ir-responsabbiltà illi Kristu u l-Knisja għabbewni biha. B'umiltà u sinċerità nistqarr li xi darba nħoss li dan il-piż jisboq il-ħila tiegħi! Imma l-isqfijiet tal-Knejjes partikulari mhumiex waħidhom: flimkien ma' sħabhom l-isqfijiet u f'għaqda sħiħa mal-Papa huma jiffurmaw il-Kulleġġ Appostoliku. Għalhekk il-kelma tal-isqof tiswa.

### Knisja missjunarja

Hemm aspetti oħra tal-Appostoliċità, fosthom il-missjonarjetà. Kristu jibgħat lill-Appostli fid-dinja kollha. Dak il-mandat għadu jgħodd illum u jgħodd anki għalina bħala Knisja Appostolika. Aħna n'għandniex ningħalqu bejn l-erba' ħitan tal-knisja, m'għandniex nirtiraw mill-pjazza. Imsaħħin f'dan il-ministeru Appostoliku u bil-qawwa tal-grazzja, għandna nxandru madwarna l-verità. Kif ngħidu fin-Nota Pastorali, "aħna ma nistgħux inħobbu lis-soċjetà jekk mhux billi nwasslulha dak li qalilna Ġesù... ma nistgħux ma naqdux il-missjoni ta' Ġesù lis-soċjetà tagħna". B'dan il-mod inkunu l-Knisja li hija dawl tal-ġnus; bħala Knisja nkunu mezz ta' salvazzjoni anki għall-poplu tagħna. Hekk dak li mhux qed jagħti ħaddieħor nagħtuh aħna, mhux biss f'pajjiżna imma wkoll barra minn pajjiżna.

Meta kien fostna l-Papa Ġwanni Pawlu II kien ħeġġiġna biex l-evanġelizzazzjoni li wettaq fostna Missierna San Pawl aħna nwettquha mhux biss f'pajjiżna imma wkoll lil hinn minn xtutna. Propju dawn il-ġranet il-Papa Benedettu XVI għadu kemm ippubblika dokument dwar struttura ġdida li waqqaf fi ħdan il-Knisja f'Ruma biex ikun hemm evanġelizzazzjoni ġdida tal-Punent. Nittama li aħna ma nkunux dawk illi jirċievu azzjoni ta' evanġelizzazzjoni minn din l-istruttura, imma nkunu dawk li jsostnu dan il-moviment missjunarju ġdid illi l-Papa jrid jinawgura fil-Punent.

### Il-prezz tax-xhieda appostolika

Imbagħad, aspett importanti tal-ħajja tal-Appostlu huwa l-martirju. L-Appostli kollha ssagrifikaw ħajjithom biex jagħtu xhieda bit-tixrid ta' demmhom. Qed ngħixu fi żmien meta, biex wieħed jagħti xhieda evanġelika u Appostolika x'aktarx ikollu jħallas prezz. Issa jew aħna Knisja li lesta li tqum fuq saqajha u tkun preżenti u magħquda biex twassal dan il-messaġġ bil-kelma u bl-eżempju, jew inkella nagħmlu novena lill-Appostlu San Pawl ħalli jerġa' jgħinna nirkupraw din l-Appostoliċità tagħna! Bl-interċessjoni tal-Appostlu Pawlu aħna mhux biss inħarsu l-kwalità tal-Appostoliċità, il-Kattoliċità u l-għaqda, imma nkunu Knisja qaddisa fid-dinja tal-lum.

# *IL-FAMILJA U L-ĦAJJA UMANA*

**Omelija ta' Mons Isqof Mario Grech fl-okkażjoni tal-festa ta' Sant'Ursula.**
**Il-Ħamis 21 ta' Ottubru 2010 fil-Katidral t'Għawdex**

Wieħed japprezza li hawn bnedmin li tant iħobbu l-ħajja li jixtiequ jgħinu biex tintrebaħ l-infertilità. Ikun jagħmel dmiru meta l-bniedem jgħożż u jġib 'il quddiem il-ħajja; imma għax mhux sid il-ħajja, il-bniedem jista' biss jilqa' l-ħajja bħala don minn Alla. Il-ġenituri għandhom dritt għall-att li jista' jwassal għat-tnissil tal-ulied, iżda l-ulied ma huma dritt ta' ħadd. Meta l-ulied isiru oġġett ta' gratifikazzjoni personali, dan imur kontra d-dinjità umana tagħhom. Huwa għalhekk li l-att prokreattiv ma jistax jinfired mill-att unittiv tar-raġel u l-mara li, għax jinħabbu, ingħaqdu fiż-żwieġ.

Il-familja mibnija fuq żwieġ hija l-ambjent naturali fejn jitnisslu u jitwieldu l-ulied. Min inissel l-ulied għandu jkun responsabbli biżżejjed li lil uliedu jiggarantilhom ambjent ta' familja fejn l-ulied isibu min iħobbhom u fejn huma jistgħu jħobbu. Iċ-ċiviltà tkun tonqos serjament jekk toftom minn xulxin it-tnissil tal-ulied mill-kuntest tal-familja.

Meta titnissel il-ħajja umana din għandha d-dritt li tkun rispettata u megħjuna. Tkun offiża lid-dinjità tal-persuna, anke jekk tkun għadha kif tnisslet, jekk tiġi "merfugħa" fil-*freezer* għal meta jkun hemm bżonnha. Jekk ma tinħoloqx l-okkażjoni biex dik il-"persuna" tiġi impjantata fil-ġuf, x'garanzija hemm li din ma tintremiex?

Wieħed jawgura li x-xjenza u l-mediċina, b'rispett lejn in-normi etiċi, iħarsu l-ħajja umana mill-mument tat-tnissil naturali sal-mewt naturali. Ikun ħafna xieraq li soċjetà jkollha liġijiet li verament jirrispettaw id-drittijiet taċ-ċittadini, partikularment ta' dawk l-aktar dgħajfa għax ikunu għadhom kemm tnisslu.

# *AT THE SERVICE OF CONSCIENCE*

**by Bishop Mario Grech – Sunday Times, 5th September 2010**

Our future depends on the human capacity to choose between what is good and what is bad, between truth and falsity. Woe to that society which endorses as good that which is bad!

Although material and scientific progress is a formidable gain, moral illiteracy can turn this progress into a destructive force against humanity.

Along the years, human beings have achieved greater freedom through the attainment of many civil rights. But if this freedom is severed from truth, it becomes just a license to act according to individual whims, trampling on others' rights.

The antidote against this pernicious threat is the cultivation of one's moral conscience. Although the exercise to foster a true and upright conscience is difficult and delicate yet it is a necessary process. Since conscience is the helm that gives direction to life, it would be a great pity for the citizen and for society if conscience becomes sick, persists in error and more gravely, loses its sensibility.

If one is to trust his conscience and be guided by it, then conscience has to be formed and infused by truth. Truth is antecedent to conscience. The "primacy of conscience" postulates the "primacy of truth". It is the enduring role of conscience to seek truth and apply it in concrete practical everyday experiences.

The Magisterium of the Church is not an obstacle for Catholic believers. It is an aid given by Christ to human beings of good will, to seek, find and embrace the truth. Church teaching enlightens the moral conscience to identify objective truth in a certain manner. As Vatican Council II affirms: "In the formation of their consciences, the Christian faithful ought carefully to attend to the sacred and certain doctrine of the Church. For the Church is, by the will of Christ, the teacher of the truth. It is her duty to give utterance to, and authoritatively to teach, that truth which is Christ Himself, and also to declare and confirm by her authority those principles of the moral order which have their origins in human nature itself." (*Dignitatis Humanae*,14).

The Magisterium of the Church is not an opinion amongst many other opinions; it does not encroach, threaten or eliminate the freedom of personal conscience; it is an aid which enlightens conscience. "The authority of the Church, when she pronounces on moral questions, in no way undermines the freedom of conscience of Christians. This is so not only because freedom of conscience is never freedom 'from' the truth but always and only freedom 'in' the truth, but also because the Magisterium does not bring to the Christian conscience truths which are extraneous to it; rather it brings to light the truths which it ought already to possess, developing them from the starting point of the primordial act of faith." (*Veritatis Splendor*, 64).

For the benefit of those who want to be part of the people of God, called to enter the liberty of the truth revealed by God in Chirst, Church Magisterium "protects God's People from the danger of deviations and confusion, guaranteeing them the objective possibility of professing the authentic faith free from error, at all times and in diverse situations. It follows that the sense and the weight of the Magisterium's authority are only intelligible in relation to the truth of Christian doctrine and the preaching of the true Word" (*Donum Veritatis*,14). This same document published by the Congregation of Faith in 1990 points out that "what concerns morality can also be the object of the authentic Magisterium because the Gospel, being the Word of Life, inspires and guides the whole sphere of human behaviour. The Magisterium, therefore, has the task of discerning, by means of judgments normative for the consciences of believers, those acts which in themselves conform to the demands of faith and foster their expression in life and those which, on the contrary, because intrinsically evil, are incompatible with such demands" (n.16)

It is in this context that one should read Pope Paul VI's words that Catholics should show a "sincere obedience, inward as well as outward, which is due to the Magisterium of the Church" (*Humanae Vitae*, 28).

This does not mean that the Magisterium expects to take the place of one's conscience. "The Church puts herself always and only at the *service of conscience*, helping it to avoid being tossed to and fro by every wind of doctrine proposed by human deceit (cf. Eph 4:14), and helping it not to swerve from the truth about the good of man, but rather, especially in more difficult questions, to attain the truth with certainty and to abide in it." (*Veritatis Splendor*, 64). The risk that conscience can "swerve from the truth about the good of man" is indeed true, especially today when there is a relativistic approach to Christian doctrine which sublimates the subjective sphere of individual feeling. As Pope Benedict XVI remarks, "for Catholics to accept this faulty line of reasoning would lead to the notion that there is little need to emphasize objective truth in the presentation of the Christian faith, for one need but follow his or her own conscience and choose a community that best suits his or her individual tastes" (*New York*, 18 April, 2008).

**Nota tad-Direzzjoni:**
Dawn l-erba' paġni ta' Dokumentazzjoni qed jingħataw bħala żieda mar-rivista u b'rigal lill-qarrejja tagħna, fuq talba ta' ħafna, biex jiġu miġbura u kkonservati l-aqwa diskorsi, omeliji u ittri pastorali ta' Mons. Isqof Mario Grech. Dawn il-folji kulur safrani jistgħu faċilment jinqalgħu minn ġo nofs ir-rivista biex jiġu miġbura flimkien u llegati separatament mir-rivista.